**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Fl-atti tal-isfida fl-Ismijiet:**

**Publius sive Leo Said detentur tal-karta ta' identita Maltija Numru 279449M imwieled tas Sliema (04/04/1949) iben John u l-mejta Jaqueline Said nee Camilleri u martu Inna Said nee Atttrepeyeva Abrekova detntrici tal-karta ta' identita numru 133915L imwielda Donetsk, l-Ukraina bint Valentina Rybonchuk u Zoya Ponomarenko, u t-tnejn joqghodu Kennedy Grove, Flat 1, Triq il Qawra, Qawra, San Pawl il Bahar.**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Illum, 21 ta' Dicembru 2020

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Dicembru 2020 fejn esponew li :-

*"L-esponenti qedin jgibu a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi huma ghamlu procedura ta' Challenge fl-24 ta' April 2016 lill-Kummissarju tal-Pulizija skond l-artikolu 541 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-kawza '**Inna Said nee Atttrepeyeva Abrekova detentrici tal-karta ta' identita numru 133915L imwielda Donetsk, l-Ukraina bint Valentina Rybonchuk u Zoya Ponomarenko, mart ta' Publius sive Leo Said detentur tal-karta ta' identita***

*Maltija Numru 279449M imwieled tas Sliema (04/04/1949) iben John u l-mejta Jaqueline Said nee Camilleri u t-tnejn joqghodu Kennedy Grove, Flat 1, Triq il Qawra, Qawra, San Pawl il Bahar vs il-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Illi mis-sentenza deciza mill-istes Qorti tal-Masgistrati, l-istess esponenti kienu pprezentaw rikors ta' l-Appell u flok fl-okkkju gie miktub ' Fil-Qorti Kriminali' gie miktub 'Fil-Qorti tal-Appelli Kriminali'*

*Illi ghalhekk sar zball da parti ta' l-istess esponenti.*

*Illi l-istess esponenti jidrilhom illi dan l-izball setghu ukoll indunaw bih l-istess ufficcjali tal Amministrazzjoni tal Qorti, l-istess Avukat Generali u certu deputati ta' dawn l-istess Onorabbli Qrati u dan kif kienu indunaw b'semplici zball fl-ittra fl-isem tal-konvenuta attrici li l-istess esponenti kienu parti f'dina l-istess kawza.*

*Ghaldaqstant peress li jidher li sar zball genwin l-istess esponenti qedin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tikkunsidra dan l-istess lapsus u takkolji dan l-istess appell."*

**Rat id-digriet ta' din l-Onrabbli Qorti l-Qorti ordnat notifika tar-rikors lill Avukat Generali**

**Illi nhar is-7 ta' Dicembru 2020 l-Avuakt Generali ipprezenta ir-rispota teighu u sostna is-egwenti:-**

**"***Illi l-esponenti Avukat Generali jirrileva illi rikors bhal dan gja gie intavolat fl-istess jum u cioe fl-1 ta' Dicembru, 2020 u kwindi dan l-appell huwa frivolu u vessatorju.*

*Illi l-esponenti Avukat Generali jirrileva illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premess li minnha r rikorrenti qed jinterponi appell a tenur tal–artikolu 549 (3) tal-kap IX tal ligijiet ta' Malta inghatat fit-30 ta' Settembru, 2020. Illi l-appell tar-rikorrenti a temur tal-artikolu 541 (3) ghandu jigi intavolat fil-Qorti Kriminali fi zmien sebat ijiem tax-xoghol mid-data tad-decisjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Illi l-appell prezentati gie intavolat mir-rikorrenti fil-Qorti Kriminali fl-1 ta' Dicembru 2020 u kwindi l-*

*appell ma giex intavolat entro it-terminu stipulat mill-ligi fl-artikolu 541(3) tal-kodici kriminali u kwindi l-appell huwa null u bla effett.*

*Illi gjaladarba l-appell huwa wiehed fuori termine is-sentenza fl-ismmijiet premessi li minnha qed isir l-appell saret res judicata u ma tistax tigi kkontestata.*

*Illi l-esponenti Avukat Generali jagheml referenza ghall-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta rigward ir rekwiziti tar-rikors tal appellli jistabilixxi li tali rikors ghandu jkun fih is-segwenti rekwiziti ad validaitatem u cioe il-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell u t-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti inferjuri. Illi rigward r-rekwiziti tal-apopell, l-esponent Avukat Generali jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Nicholas Mallia** (Qorti ta' l-Apopell sede Inferjuri datat 5 ta' Gunju, 1996 Vol. 80 (1996) Parti 4, Taqsima 2 fol. 199 ) fejn il-Qorti spejgat illi:-*

> *'Il-karenza ta' wiehed mir-rekwiziti tal-artikolu 419 (1) tal-kodici Kriminali ( li ghandu jkun fih ir-rikors tal-appeel ) hi sollevabbli ex ufficcio b'mod car izda konciz u b' tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu mill-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt l-vot tal-ligi jekk dawn il-fatti jkunu sparpaljati 'l u 'l hemm mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwawhom jew jekk ikunu maghguna mal-aggravji. Bhalma l-indikazzjoni tal-agravji ma tistax issir b'semplici referenza ghall-fatti, hekk ukoll l-fatti jridu jkunu eposti indipendetement mill-aggravji liema aggravji jistghu jkunu kemm fuq puniti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' dritt sostantiv jew procedurali'.*

*Illi r-rikros tal-appell intavolat mir-rikorrenti ma jissodisfa k0ebda minn dawn r-rekwiziti tal-appell kif irid l-0artikolu 419 tal-kapoitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u kwindi l-appell huwa null u bla effett."*

*Gfhalhekk talab lil din l-Qorti tiddikjara li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju ghaliex diga gie intavolat appell fl-1 ta' Dicembru 2020 u tiddikjara li l-appell huwa null u bla effett ghaliex*

*is-sentenza li minnha qed isir l-appell hija res judicata u ghaleix ir rewkiziti ad validitatem tal appell ma ewx imharsa u kwindi l-appell ghandu jigi michud.*

Illi rat id-digriet taghha fejn orndat li dan ir-rikors jigi appuntat u trattat fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2020.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors u dan fl-istess seduta tas-16 ta' Dicembru 2020 fejn sahansitra qablu li din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti digriet fuq l-eccezzjonijiet procedurali sollevati mill-Avukat Generali .

Ikkunsidrat.

Dan hu provvediment wara rikors tar-rikorrenti datat l-1 ta' Dicembru, 2020 li permezz tieghu qed jappellaw, skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, minn decizjoni moghtija mill-Qorti talMagistrati (Malta) moghtija fit-30 ta' Settembru, 2020. Permezz ta' din id-decizjoni, moghtija in segwitu ghal dik li hi komunement imsejha "procedura ta' challenge lill-Kummissarju tal-Pulizija", il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex il- Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi kontra Wilhemina Schembri talli allegatament hadet gurament falz.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-procedura tac-challenge u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Dicembru, 2020, tosserva s-segwenti:

i. Il-procedura hekk imsejha "tac-challenge" kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali hi, f'certu sens, procedura straordinarja. Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-kazijiet kollha hlief f'dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-challenge – li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni

kriminali tmiss lill-parti privata – trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi.

ii. L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li ddenunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Din il-Qorti tifhem li dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi deunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu ilkwerelant jitlob li jittiehdu passi.

iii. Ma hux l-iskop tal-procedura tac-challenge li tinfetah indagini lil hinn mir-rapport, denunzja jew kwerela. Il-procedura in kwistjoni m'ghandhiex isservi bhala a *fishing expedition* biex wiehed jipprova jara x'jirrisulta mill-provi (jekk jinstemghu provi, ghax il-Qorti tal-Magistrati tista' tiddispensa mis-smigh tal-provi) biex imghad dik il-Qorti tiddeciedi hi id-delitt li fir-rigward tieghu il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tipprocedi. Fi kliem iehor, id-delitt li dwaru jista' jsir l-ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Artikolu 541(1) irid ikun wiehed li jkun gie predikat b'mod car fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela.

iv. Dan l-istess artikolu 541 jipprovdi fis-sub artikolu (3) tieghu ghall-possibilta ta' revisjoni tad-decisjoni rggunta mill-Qorti tal-Magistrati billi jaghti lok ta' appell lil kul parti sokkombenti. Infatti is-sub artikolu (3) tal-artikolu 541 jiddisponi s-segwenti f'dan ir-rigward:-

*"Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tippermetti, għal kollox jew biss f'parti, rikors taħt is-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali, flimkien mal-atti tal-kawża, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni u l-Avukat Ġenerali jista' fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn notifika jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għat-tħassir jew bdil tad-deċiżjoni. Ir-rikorrent jista' wkoll jagħmel rikors bħal dak fil-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li biha ma jkunx intlaqa' r-rikors, sew għal kollox sew biss f'parti minnu. Rikors fil-Qorti Kriminali taħt dan is-sub artikolu għandu jkollu effett ta' waqfien ta' esekuzzjoni tad- deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati."*

Dan ghalahekk ifisser li r-rikorrenti **ghandu**[1] terminu prefiss mill-ligi biex jitnavola appell mid-decisjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' sebat ijiem tax-xoghol mid-data td-decizjoni li biha ma jkunx intalqa'; r-rikors sew ghal kollox sew biss f'parti minnu. In oltre dan l-istess sub-artikolu jipprovdi li ir-rikors tar-rikorrenti **ghandu**[2] jigi prezentat. Ghalhekk l-legislatur pprovda li ikun hemm zewg rekwiziti sabiex ir-rikros jigi milqugh. L-ewwel rekwizit hu li ir-rikros irid jigi itnavolt fi zmein sebat ijiem tax-xoghol mid-data tad-decisjoni u fit-tieni lok illi jigi prezentat fil-Qorti Kriminali.

Mhemmx dubbju li r-rikros tar-rikorrenti gie prezentat fuori termine u dan ghaliex gie prezentat fl-1 ta' Dicembru 2020 aktar minn xahrejn wara li inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u ghalhekk dan sar bi ksur tal-vot espress tal-ligi li fl-artikolu 541 (3) tal-kodici Kriminali jiprefiggi terminu ta' sebat ijiem ghall-prezentata ta' tali rikors.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-preġudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell tar-rikorrenti, tiddikjara l-appell irritu u null billi pprezentat *fuori*

---

[1]Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti
[2] Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti

*termine* u dan skont il-ligi vigenti fiz-zmien meta gie intavolat, w konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati stante li ir-rikors in principju huwa null u ghalhekk bla effett u jigi dikjarat li is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Setembru 2020 illum hija *res judicata* u konsegwentement tastjeni milli titratta l-mertu ta' dan l-istess rikors.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deptutat Registratur